# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 700/14MH**

**Illum 28 ta' Settembru, 2016**

**Pauline MacDonald (K.I. 649358M)**

**vs**

**Medistar Healthcare Services Limited (C 49998) u ghal kull interess li jista' jkollhom: Patrick Xuereb (K.I. 305773M) u Charles Muscat (K.I.520885M)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat tal-attrici** tas-6 ta' Awissu 2014 fejn gie premess hekk:

*"**<u>Dikjarazzjoni</u>***

*L-attrici tikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li taf personalment:*

1. *Illi permezz ta' skrittura privata datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (vide **Dok A**) bejn l-esponenti Pauline Mac Donald u l-intimat Patrick Xuereb ghan-nom u in rappresentanza*

*tal-kumpanija Medistar Healthcare Services Limited (C-49998) l-esponenti kienet selfet is-somma ta' sebghin elf Ewro (€70,000) lill-kumpanija Medistar Health Care Services Limited (C-49998)*

2. *Illi l-imsemmija somma kellha skond l-imsemmija skrittura privata, tithallas lura lill-esponenti kull xahar b' rata ta' imghax ta' tnax fil-mija (12%) per annum;*

3. *Illi l-esponenti permezz ta' ittra legali datata hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) (vide* **Dok B***) infurmat lil Medistar Healthcare Services Ltd li giet mgharrfa li r-rata ta' imghax ta' tnax fil-mija (12%) ma kienitx wahda in konformita' mal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk irriduciet din ir-rata ghal dik permessa mil-ligi, u cioe' ghal dik ta' tmienja fil-mija (8%) per annum;*

4. *Illi permezz ta' ittra ufficjali datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), is-socjeta' intimata giet interpellata sabiex thallas lill-esponenti s-somma ta' wiehed u hamsin elf, disa' mija u tletin ewro (€51,930), rapprezentanti, in kwantu ghas-somma ta' tlieta u erbghin elf u erba' mitt ewro (€43,400) bilanc pendenti mis-somma mislufa u in kwantu ghas-somma ta' tmint elef, hames mija u tletin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€8,530.41) imghax b' rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq l-ammont misluf (vide* **Dok C***);*

5. *Illi permezz ta' ittra ufficjali ohra datata sitta (6) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), is-socjeta' intimata giet interpellata thallas lill-esponenti s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, tmien mija u tnejn u tmenin Ewro (€28,882.00), rapprezentanti, in kwantu ghas-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, disa' mija u hamsin Ewro (€27,950.00), bilanc pendent mis-*

*somma mislufa u in kwantu ghas-somma ta' disa' mija u tnejn u tletin Ewro (€932) imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq l-ammont misluf. (vide* **Dok D***);*

6. *Illi l-bilanc dovut lill-esponenti mill-intimati huwa ta' sitta u ghoxrin elf Ewro (€26,000), flimkien ma' spejjez legali;*

7. *Illi, nonostante li s-socjeta' intimata giet interpellata thallas permezz ta' atti u proceduri gudizzjarji, l-ammont dovut baqa' ma thallasx;*

8. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

9. *Illi f' dawn il-proceduri l-esponenti qed tuzufrixxi mis-servizz tal-ghajnuna legali (***Dok :** *Inkartament Ghajnuna Legali) u l-Avv Yana Micallef Stafrace u l-PL Pauline Mallia gew assenjati bhala l-Avukat u l-Prokuratur Legali taghha.*

***<u>Raguni tat-Talba</u>***

1. *Illi permezz ta' skrittura privata datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (vide* **Dok A***) bejn l-esponenti Pauline MacDonald u l-intimat Patrick Xuereb ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Medistar Healthcare Services Limited (C-49998) l-esponenti kienet selfet is-somma ta' sebghin elf Ewro (€70,000) lill-kumpanija Medistar Healthcare Services Limited (C-49998);*

2. *Illi l-imsemmija somma kellha skond l-imsemmija skrittura privata, tithallas lura lill-esponenti kull xahar b' rata ta' imghax ta' tnax fil-mija (12%) per annum;*

3. *Illi l-esponenti permezz ta' ittra legali datata hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) (vide* **Dok B***) infurmat lil Medistar Healthcare Services Ltd li giet mgharrfa li r-rata ta' imghax ta' tnax fil-mija (12%) ma kienitx wahda in konformita' mal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk irriduciet din ir-rata ghal dik permessa mil-ligi, u cioe' ghal dik ta' tmienja fil-mija (8%) per annum;*

4. *Illi permezz ta' ittra ufficjali datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), is-socjeta' intimata giet interpellata sabiex thallas lill-esponenti s-somma ta' wiehed u hamsin elf, disa' mija u tletin ewro (€51,930), rapprezentanti, in kwantu ghas-somma ta' tlieta u erbghin elf u erba' mitt ewro (€43,400) bilanc pendenti mis-somma mislufa u in kwantu ghas-somma ta' tmint elef, hames mija u tletin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€8,530.41) imghax b' rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq l-ammont misluf (vide* **Dok C***);*

5. *Illi permezz ta' ittra ufficjali ohra datata sitta (6) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), is-socjeta' intimata giet interpellata thallas lill-esponenti s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, tmien mija u tnejn u tmenin Ewro (€28,882.00), rapprezentanti, in kwantu ghas-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, disa' mija u hamsin Ewro (€27,950.00), bilanc pendent mis-somma mislufa u in kwantu ghas-somma ta' disa' mija u tnejn u tletin Ewro (€932) imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq l-ammont misluf. (vide* **Dok D***);*

6. *Illi l-bilanc dovut lill-esponenti mill-intimati huwa ta' sitta u ghoxrin elf Ewro (€26,000), flimkien ma' spejjez legali;*

7. *Illi, nonostante li s-socjeta' intimata giet interpellata thallas permezz ta' atti u proceduri gudizzjarji, l-ammont dovut baqa' ma thallasx;*

8. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

9. *Illi f' dawn il-proceduri l-esponenti qed tuzufrixxi mis-servizz tal-ghajnuna legali (**Dok :** Inkartament Ghajnuna Legali) u l-Avv Yana Micallef Stafrace u l-PL Pauline Mallia gew assenjati bhala l-Avukat u l-Prokuratur Legali taghha.*

***<u>Talbiet</u>***

*Tghid ghalhekk is-socjeta' intimata ghaliex m' ghandiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara lis-socjeta' intimata Medistar Healthcare Services Limited (C-49998) jew minn mill-intimati, debituri versu l-esponenti Pauline MacDonald (K.I. 639358M) fl-ammont ta' sitta u ghoxrin elf ewro (€26,000), jew somma verjuri, rapprezentanti fil-bilanc pendent minn somma akbar;*

2. *Tikkundanna lis-socjeta' intimata Medistar Healthcare Services Limited (C-49998) jew minn mill-intimati, ihallsu lill-esponenti is-somma ta' sitta u ghoxrin elf ewro (€26,000) jew somma verjuri, rapprezentanti fil-bilanc pendenti minn somma akbar.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' zewg ittri ufficjali datati: hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju elfejn u tnax (2012) u sitta (6) ta' Dicembru elfejn u tlettax (2013) rispettivament mahruga kontra Medistar Healthcare Services Limited (C-49998) u bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata tal-konvenut Patrick Xuereb** tat-2 ta' Settembru 2014[1] li permezz taghha ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:

1. *"Illi l-eccipjenti mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li ma ghandu ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti personalment kif tikkonferma minghajr ebda dubbju l-iskrittura tat-22 ta' Dicembru 2010.*

2. *Illi l-interpellanza ghalhekk f' dawn il-proceduri fil-konfront tal-istess eccipjenti hija ghalhekk irrita u nulla u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

3. *Illi fi kwalsiasi kaz u skans ta' kull ekwivoku l-istess rikorrenti rrikonoxxiet u accettat hlas a saldu u ddikjarat kwittanza finali u assoluta kif jikkonferma Dokument E datat 9 ta' Jannar 2013 esebiet mill-istess rikorrenti fil-konfront tal-eccipjenti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri"*.

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

Rat **ir-risposta guramentata konguntiva tal-konvenuti Medistar Healthcare Services u Charles Muscat** tal-15 ta' Settembru 2014[2] li permezz taghha ressqu is-segwenti eccezzjonijiet:

[1] Fol 17
[2] Fol 22

*"1. Illi fl-ewwel lok, l-konvenuti jopponu ghall-hatra ta' ghajnuna legali ghall-istess attrici in vista tal-fatt li l-attrici akkwistat flejjes sostanzjali minghand il-konvenuti, liema flejjex ma jintitolawhiex sabiex ikollha avukata u prokuratur legali ta' l-ghajnuna legali. Illi l-atturi jiccitaw l-artikolu 911 et seq tal-Kap 12 fejn il-konvenuti jridu sindikar proprju ta' jekk verament l-attrici setghet tapplika ghal ghajnuna legali kif ghamlet u fejn giet awtorizzata sabiex tipprocedi bil-kawza;*

*2. Illi fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-gudizzju mhuwiex integru stante l-fatt li Pauline Macdonald hija mara mizzewga lil William Macdonald, liema William Macdonald mhuwiex parti fil-kawza. Illi kawza bhal din tolqot il-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, liema William Macdonald u Pauline Macdonald ghandhom proceduri ta' separazzjoni personali ghaddejjin bhalissa quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bir-rikors guramentat numru 18/2012 RGM.*

*3.Illi fit-tielet lok, ma sar ebda ftehim (dok A) f' isem Patrick Xuereb u/jew Charles Muscat f' isimhom personali, fejn ghalhekk il-konvenut Charles Muscat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, billi m'humiex parti mill-ftehim. Illi l-ispejjez tal-proceduri fil-konfront ta' Patrick Xuereb u Charles Muscat, ghandhom jigu sopportati mill-attrici peress li l-attrici ntavolat kontra taghhom b' mod kapriccjuz;*

*4. Illi fir-raba' lok, mhuwiex minnu li Medistar Healthcare Services Limited sellfet is-somma ta' Euros 70,000 minn Pauline Macdonald imma sellfet is-somma ta' Euros 60,000 mentri Euros 10,000 gew mislufa lil Patrick Xuereb personalment ghall-bzonnijiet tieghu, kif ser jigi elaborat u spjegat tul is-smigh tal-kawza;*

5. *Illi s-somma moghtija minn Pauline Macdonald lill-kumpanija Medistar Healthcare Services Limited hija mizghuda b' imghax eccessiv u cifri ta' uzura fejn kwindi ma hemm xejn ulterjuri li ghandu jithallas lill-attrici kif ser jigi muri tul is-smigh tal-kawza, oltre l-fatt li ebda Qorti ma tista' tiehu konjizzjoni ta' flejjes li qieghdin jintalbu b' uzura;*

6. *Illi l-ammont ta' self kollu thallas mis-socjeta' konvenuta lill-attrici, u ma hemm xejn ulterjuri li ghandu jithallas;*

7. *Illi fl-ahharnett, Pauline Macdonald ma tat ebda pre-avviz ta' tlett xhur skond il-ftehim Dok A kif mitlub, wara l-pagamenti ta' Jannar 2014 li hi accettat. L-attrici ma baghtet ebda ittra ufficjali jew ittra interpellatorja wara Jannar 2014, fejn ghalhekk qeghda titlob il-hlas minghajr ma tat ebda pre-avviz, u (ghalhekk minghajr pregudizzju u dato ma non concesso ghall-eccezzjonijiet ulterjuri) l-imghaxijiet jiddekorru fuq il-bilanc mid-data tan-notifika tal-kawza u mhux qabel.*

8. *B' riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici".*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattiv;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat li hadd mill-konvenuti ma' pprezenta Nota ta' Sottomissjonijiet nonostante li huma nghataw terminu kull wiehed ghal dan il-ghan waqt is-seduta tal-24 ta' Frar 2016[3];

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Il-kawza tal-lum tiratta self *brevi manu* ghas-somma ta' €70,000 bi 12% imghax li kien sar permezz ta' skrittura privata bejn l-attrici u Patrick Xuereb ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Medistar Healthcare Services Limited. L-attrici tghid li parti biss minn dan id-dejn giet imhallsa lura lilha u wara li hija naqqset il-pretensjoni taghha fuq l-imghax ghal 8% sabiex tkun konformi mal-lig[4]i, kien fadlilha tiehu €26,000, liema somma baqghet qatt ma thallset. Hija qeghda ghalkekk titlob lil Qorti sabiex tiddikjara li s-socjeta' konvenuta, jew min mill-konvenuti l-ohra, huma debituri taghha ghas-somma bilancjali ta' €26,000 jew somma verjuri kif ukoll li tikkundannahom ihallsu tali somma l-istess attrici.

Il-konvenuti qeghdin jirrespingu l-pretensjonijiet attrici kemm b'eccezzjonijiet preliminari kif ukoll b'ohrajn fil-mertu.

Il-Qorti tqis li jkun opportun li qabel tipprocedi ulterjorment, l-ewwel jigu sorvolati xi eccezzjonijiet ta' natura preliminari mressqa mill-konvenuti:

[3] Fol 170

[4] Originalment l-imghax kien patwit ghal 12%. Vide Dok A Fol 6

## 1. Eccezzjoni dwar il-hatra tal-ghajnuna legali lill-attrici

Fl-ewwel eccezzjoni konguntiva mressqa mis-socjeta' Medistar Healthcare Services Ltd u Charles Muscat, huma opponew ghall-hatra tal-ghajnuna legali ghall-attrici stante li hija ma kellhiex titqies intitolata ghal tali ghajnuna skont il-ligi in vista tal-introjtu sostanzjali li dahhlet minghand l-istess konvenuti. Din l-eccezzjoni izda giet ormai sorvolata peress li waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju 2015[5], in vista tad-depozizzjoni li tat l-attrici dakinhar, irrizulta li hija f'dak l-istadju kellha l-mezzi finanzjarji biex tinkariga avukat u ghalhekk il-Qorti stess nehhietilha l-beneficcju tal-ghajnuna legali.

Ghaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

## 2. Eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' ntegrita' tal-gudizzju

Fit-tieni eccezzjoni konguntiva mressqa mis-socjeta' Medistar Healthcare Services Ltd u Charles Muscat, huma jeccepixxu li l-gudizzju m'huwhiex integru stante li r-ragel tal-attrici, William MacDonald mhuwhiex parti mill-kawza.

Mill-atti jirrizulta li:

[5] Fol 97

a. permezz ta' digriet datat 13 ta' Dicembru 2012[6] gie pronunzjat divorzju mill-Qorti Superjuri tal-Alaska bejn l-attrici u zewgha, liema digriet ma jirrizultax li gie registrat f'Malta u ghalhekk m'ghandu ebda effett legali f'Malta[7];

b. Kienu wkoll ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni personali bejn il-konjugi li sa dakinhar li xehdet dwarhom l-attrici (18 ta' Mejju 2015), kienu ghadhom pendenti[8];

c. Fit-2 t'Awissu 2007, William MacDonald kien iffirma prokura generali a favur l-attrici li tinkludi mhux biss l-amministrazzjon generali u minghajr limitu tal-mobbli u l-immobbli kollha tieghu (klawsola 1) izda wkoll li tidher f'ismu bhala attur jew konvenut fi proceduri legali quddiem il-Qrati (klawsola 8).

Huwa minnu li ghalhekk dan is-self sar f'perjodu (22 ta' Dicembru 2012) meta apparentement il-komunjoni tal-akkwisti kienet ghadha vigenti bejn il-konjugi MacDonald. Izda la s-self iffirmat ghalih l-attrici biss u l-kawza ghall-irkupru tal-allegat bilanc dovut hija wkoll istitwita mill-attrici f'isimha biss, li hu rilevanti ghall-finijiet tal-kawza odjerna huwa li l-attrici certament ghandha nteress guridiku li tiftah dawn il-proceduri. Kwalunkwe kwistjonijiet privati li jistghu jolqtu l-komunjoni tal-akkwisti bejn l-attrici u zewgha ghar-rigward ta' dan is-self, inkluz il-prezenza o meno ta' William MacDonald fil-proceduri odjerni huma kompletament aljeni ghall-konvenuti u ma jnaqqsu xejn mill-validita' tal-kawza.

[6] Fol 124
[7] Xhieda tal-attrici a fol 105
[8] Xhieda tal-attrici a fol 105

La r-ragel jew il-mara jistghu jiddhlu f'negozzju separat wahidhom, minghajr kunsens jew assistenza tal-konjugi, *multo magis* setghet l-attrici tistitwiixi l-kawza ta' dan id-dejn patwit biss minnha wahida. Fl-aghar ipotesi kieku mhux awtorizzat s-self kien ikun annulabbli mhux null, ghalkemm din per se mhux eccezzjoni li tqajjmet mill-konvenuti.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni ser tigi michuda il-ghaliex hija rrilevanti ghall-prosegwiment tal-kaz.

**3. Eccezzjoni minn Patrick Xuereb u Charles Muscat li huma m'humhiex legittimi kontraditturi ghat-talbiet attrici.**

Fl-ewwel u t-tielet eccezzjoni prelimari rispettiva taghhom, il-konvenuti kollha jeccepixxu li Patrick Xuereb u Charles Muscat ma kellhomx ikunu mharrka personalment fil-kawza.

Il-Qorti tinnota li wara d-digriet taghha tal-11 t'Awissu 2014[9] fejn l-attrici giet proprju ordnata biex tispjega r-raguni il-ghala harrket lil dawn iz-zewg persuni personalment galadarba ma jissemmewx fl-iskrittura in kwistjoni, hija wiegbet hekk permezz ta' Nota Guramentata datata 11 ta' Settembru 2014[10]:

*"Illi s-Sur Patrick Xuereb gie mharrek stante li huwa ffirma l-skrittura tat-22 ta' Dicembru 2010 bhala d-direttur tal-kumpanija Medistar Healthcare*

[9] Fol 13
[10] Fol 20

*Services Limited. Gie mharrek ghal kull interess li jista' jkollu minhabba l-fatt li huwa hallas is-somma ta' €10,000 lill-esponenti, kif gie spjegat hawn fuq.*

*Illi s-Sur Charles Muscat gie mharrek f'dawn il-proceduri stante li huwa kien l-ewwel persuna li avvicina lill-esponenti rigward is-self ta' flus. Is-Sur Charles Muscat u s-Sur Patrick Xuereb kienu qalu lill-esponenti illi s-socjeta' konvenuta Medistar Healthcare Services Limited hija taghhom. Sussegwentement, kien iffirma biss is-Sur Patrick Xuereb fl-iskrittura tad-9 ta' Jannar 2013, stante li s-Sur Charles Muscat kien jinsab gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin."*

Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:

**Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell**:**

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

Fil-kaz fl-ismijiet **Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009**[11] intqal hekk:

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinsel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza."*

Illi inoltre l-gurisprudenza tkompli hekk:

*"Ghal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv ghal dak prospettat mill-attur bit-talba tieghu. Dan ghaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda proposta."* **(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)**[12]

Fl-isfond ta' dawn il-principji, l-Qorti tqis li l-prezenza tal-konvenut Patrick Xuereb fil-kwalita' tieghu personali fil-proceduri odjerni m'hijiex gustifikata. Ma hemm ebda dubju, li s-self ta' flus indikat fl-iskrittura tat-22 ta' Dicembru 2010 sar lis-socjeta' Medistar Healthcare Services Limited **biss** u li l-prezenza ta' Patrick Xuereb fuq l-istess kuntratt, kif *del resto* hu ammess mill-attrici stess, ma kinitx fil-vesti personali tieghu izda fil-kwalita' tieghu ta' direttur tal-istess socjeta' li ghan-nom taghha ffirma. Is-socjeta' Medistar Healthcare Services Limited hija socjeta' b'personalita' guridika separata u distinta u

[11] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)
[12] (Nru 777/06) Deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell

ghalhekk legalment ghandha tirrispondi ghat-talbiet attrici indipendentement minn Patrick Xuereb. L-istess attrici n kontro ezami issa konsapevoli li meta istitwit il-kawza Xuereb ma kienx ghadu fil-kumpanija Medistar, hasset li kellha tistitwixxi kawza ukoll kontrih ghaliex fi kliemha *" Imma l-kuntratt kien fuq ismu"*[13]

Inoltre, il-fatt li kif inhuwa konfermat mill-provi[14], Xuereb personalment hallas is-somma ta' €10,000 akkont tad-dejn dovut mis-socjeta' konvenuta, ma jwassalx ghal assunzjoni tad-dejn shih dovut mill-istess socjeta' u ghalhekk ma tiskatta ebda relazzjoni guridika gdida bejn l-attrici u Patrick Xuereb personalment. Kif tajjeb qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kaz **Avukat Dr Nicolai Vella Falzon noe vs Lars Christian Beitnes deciz fis-26 ta' Novembru, 2014**[15] **-**

*"Ghalkemm il-figura ta' assunzjoni ta' debitu tista' tirrizulta verbalment, iridu jirrizultaw provi cari u konklussivi qabel ma jista' jigi deciz li persuna assumiet dejn ta' xi hadd iehor u, f'din il-materja,* ***<u>il-gurisprudenza hi konkordi li pagament akkont ta' dejn ta' haddiehor ma jfissirx li min ghamel il-hlas assuma l-obbligu li jhallas id-dejn kollu ta' dik it-terza persuna</u>***[16] *(ara, per ezempju, il- kawza* ***Attard Co. Ltd. v. MA Supermarkets Ltd. et****. deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Marzu, 2003, u l-gurisprudenza kopjuza li ghaliha hemm riferenza f'dik is-sentenza; il-kawza* ***Camilleri v. Muscat****, deciza wkoll mill-Prim' Awla tal- Qorti Civili fis-17 ta' Novembru, 2006; il-kawza* ***J & C Pisani Ltd. Finrac Ltd****., deciza minn din il- Qorti fit-30 ta' Gunju, 2004, fejn intqal li* ***<u>pagament minn terz "qatt ma jista' johloq relazzjoni gdida bejnu u l-</u>***

[13] Fol 156
[14] Fol 10 – Dok E
[15] App Nru 117/10
[16] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti

***kreditur meta din ir-relazzjoni qatt ma kienet tezisti**"; u l-kawza* ***Bonnici v. Pirrone****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Ottubru, 2006). –* ***Bay Street Holdings Limited vs Match Music Stores (Malta) Limited App.Sup 3/12/2010.****"*

Di piu', kif jirrizulta mill-iskrittura privata ffirmata minn Patrick Xuereb u Pauline MacDonald a fol 10 tal-process, hemm qbil li Xuereb ma kien fadallu xejn x'jaghti lill-attrici fir-rigward tas-self ta' flus li kien sar lis-socjeta' konvenuta.

L-eccezzjoni ta' Patrick Xuereb hija ghalhekk gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

Mhux l-istess jista' jinghad izda fil-kaz tal-konvenut Charles Muscat. Ghalkemm il-fatt wahdu li Muscat kien ghamel l-ewwel kuntatt mal-attrici dwar is-self ta' flus ma jfissirx awtomatikament li huwa legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici, il-Qorti tqis li hemm fatturi ohra li jiggustufikaw il-prezenza tal-konvenut Muscat fil-kawza.

Infatti, fost affarijiet ohra, l-attrici qeghda tallega li Muscat kien personalment obbliga ruhu maghha li jaghmel tajjeb ghall-bilanc rimanenti tad-dejn tas-socjeta' konvenuta, liema bilanc huwa hallas biss parti zghira minnu u l-bqija ghadu dovut. Ghalkemm il-mertu ta' din l-allegazzjoni ser jigi ezaminat aktar 'l isfel, il-Qorti tqis li dan il-konvenut ghandu jibqa' parti fil-kawza sabiex jirrispondi ghall-allegazzjonijiet u t-talbiet attrici fir-rigward.

Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tichad din l-eccezzjoni preliminari ta' Charles Muscat.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mertu, mill-atti jirrizulta li fis-sena 2010, Paul Kavanagh, iben l-attrici, kien mizmum taht arrest fit-Taqsima Forensika tal-Isptar Monte Karmeli fejn hemm gie avvicinat minn Patrick Xuereb (gwardjan tal-habs fl-istess sptar) u Charles Muscat (prigunier residenti hemmhekk) li qalulu li kellhom bzonn jisselfu xi flus ghall-kumpanija taghhom, illum socjeta' konvenuta, Medistar Healthcare Services Ltd. Jghid li dwar hekk saqsewh diversi drabi. Talbuh dwar dan biex issaqsi lil ommu, l-attrici. Dan anke gie kkonfermat minn ohtha Isabella Zammit li n kontro-ezami tirrakonta okkazzjoni li sehhet gewwa l-Forensic Unit fejn hi kient izghur ix-xhud Kavanagh, allura neputi, u hemm semghet kemm lil Xuereb kif ukoll lil Muscat isaqsu lil ohtha kienetx interessata li tidhol f'negozzju mall-kumpanija Medistar.[17]

Fit-22 ta' Dicembru 2010 saret skrittura privata u ffirmata quddiem Nutar, bejn l-attrici u Patrick Xuereb ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta permezz ta' liema gie dikjarat illi –

*"…Pauline MacDonald ser tikkontribwixxi illum l-ammont ta' sebghin elf Ewro (€70,000) bhala self lill-kumpanija Medistar Healthcare Services Limited. Il-partijiet jiddikjaraw illi Pauline MacDonald se tkun qed tircievi interessi bir-rata ta' tnax fil-mija (12%) per annum, li ser jithallsu mill-kumpanija kull*

[17] Fol 103

*xahar, liema interessi jammontaw ghal sebgha mitt Ewro (€700) fix-xahar. Fi zmien sena mil-lum, dan il-ftehim ghandu jigi rivedut fi zmien sena. Jekk pero' Pauline MacDonald tkun trid lura s-self hija ghandha taghti pre-avviz ta' 3 xhur lill-kumpanija*[18]*."*

Statement tal-bank datat 24 ta' Dicembru 2010[19] juri li kienet ingibdet is-somma ta' €70,000 mill-kont bankarju tal-attrici. L-attrici tghid li dak il-hin stess hi tat tali somma fi flus kontanti lil Patrick Xuereb u Jeremy Muscat (iben Charles Muscat)[20]. **Hadd mill-konvenuti ma jichad dan il-fatt.**

Ghalhekk ma hemm ebda dubju li mhux biss sar ftehim bil-kitba bejn l-attrici u s-socjeta' konvenuta dwar self ta' flus, izda dawn il-flus effettivament inghataw in kontanti lil Xuereb u Muscat ghan-nom tal-istess socjeta'. Jirrizulta lli nonostante li Muscat kif jghid la qatt kien azzjonist jew direttur fl-istess socjeta, illi huwa kien insistenti li hu kien jidher f'din il-kapacita' minflokk ibnu Jeremy li kien direttur taghha, ghalhekk ghal interessi t'ibnu[21]. Jigi ripettut illi Muscat qatt ma cahad dan id-dejn bi kliem testwali: *"Ahna hekk accettajna.....Ahna qatt ma chadna qed nitkellem issa f'isem min trid, illi mhux vera tatna l-flus jew li m'ghandux inhallsu lura."*[22]

L-attrici izzid li madwar tlett gimghat wara li sellifthom is-sebghin elf (70,000) Ewro (u allura circa Jannar 2011 u mhux Jannar 2013 kif indikat fl-affidavit), hija rceviet telefonata minghand Patrick Xuereb, fejn qalilha li hu u Charles

[18] Fol 6
[19] Fol 33
[20] Fol 28
[21] Fol 174
[22] Fol 176

Muscat xtaqu jisselfu €10,000 ohra b'1% imghax sabiex jixtru ambulanza. Hija tghid hekk:

*"L-ghada Patrick Xuereb gie ghandi, u qbilna bil-miktub b'karta bejnietna, u tajtu l-flus cash. Huma kellhom jirritornaw l-ghaxart elef (€10,000) ewro fi zmien tliet xhur pero' wara sitt xhur, parti mis-somma tawhieli flimkien ma' tlett mitt (300) ewro imghax, pero' l-hlas shih min-naha taghhom ittardja b'xahar[23]."*

Ghandu jinghad ukoll illi dawn l-€10,000 ma jiffurmawx parti mis-somma ta' €70,000 mertu tal-kawza odjerna u li kienu mislufa mill-attrici lis-socjeta' konvenuta permezz tal-iskrittura tat-22 ta' Dicembru 2010. Dan ghaliex is-self addizjonali ta' €10,000 sar bi ftehim separat u sussegwenti. Dan is-self li f'kull kaz gie saldat[24], huwa ghalhekk irrelevanti ghall-vertenza li trid tiddeciedi dwarha l-Qorti llum.

Qabel tipprocedi ulterjorment dwar il-bqija tal-mertu, il-Qorti ma tistax ma taghmilx is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Ix-xhieda tal-attrici dwar l-ammonti tal-hlasijiet u l-perjodi li fihom kienu qeghdin isirulha hija pjuttost erratika u nieqsa minn dettalji precizi;

2. Huwa minnu li hija ressqet numru ta' familjari li kkorroboraw il-*quantum* bilancjali li hija qed titlob fil-kawza izda l-maggor parti ta' dak li xehdu

[23] Fol 28

[24] Xhieda tal-attrici bl-affidavit a fol 61 dwar dan is-self tikkonferma li l-€10,000 bl-imghax ta' 1% kienu gew rifuzi.

dwaru dawn il-persuni ma jistax hlief jitqies *detto del detto* ghax jikkonsisti biss f'rakkont ta' dak li kienu saru jafu tramite l-attrici stess; u fil-kaz ta' iben l-attrici Paul Kavanagh, dak ukoll li sema' minghand Patrick Xuereb u Stephen Muscat;

3. Minn naha l-ohra id-difiza tal-konvenuti, partikolarment dik ta' Charles Muscat hija ugwalment nieqsa minn sekwenza ordinata u dettalji precizi dwar hlasijiet li saru lill-attrici.

Il-Qorti hija ghalhekk rinfaccjata bi provi mhux biss konfliggenti izda wkoll skarsi minn certa dokumentazzjoni li tista' tixhet dawl aktar dettaljat fuq dak li kien ghaddej bejn il-partijiet. Izda kif gie ripeutament affermat mill-Qrati, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni jew nuqqas għandha xxekkel lill-gudikant milli jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu dwar il-mertu quddiemu. Dan ghaliex il-fattur li ghandu jiggwida lill-Qorti, dejjem fi grad ta' probabilita', huwa l-verzjoni u t-tezi ta' dik il-parti li fic-cirkustanzi l-aktar tirrizulta verosimili, kredibbli u konsistenti.

Kif inghad minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz fl-ismijiet **Raymond Cauchi noe vs Michael Angelo Fenech deciz fil-15 ta` Dicembru 2015**[25] b'referenza ghall-rassenja ta' gurisprudenza dwar din il-materja –

"***Konflitt tal-verzjonijiet***

*Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza* ***`Xuereb et vs Gauci et`*** *il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil- kamp civili –*

[25] Rik Gru Nru 1170/86

*"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

1) *Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

2) *Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal- konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."  (ara wkoll : "**Bugeja vs Meilak**" – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia vs Farrugia**" – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)*

*Fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/PS) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" kien precizat hekk –*

*"Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita`li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad- differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)"*

*(ara wkoll : "**Camilleri vs Borg**" – Appell Civili – 17 ta` Marzu 2003 ; "**Zammit vs Petrococchino**" – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo vs Pace**" – Appell Civili – 5 ta` Marzu 1986)*

*Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk :- "… Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta` prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju. Iżda f`każijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdaħħal xi egħmil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li "f`kawża ċivili d- dolo jista` jiġi*

*stabbilit anke permezz ta` presunzjonijiet u ndizji, purke` s`intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b`tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f`min hu msejjaħ biex jiġġudika"  (ara - P.A. PS - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b`mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall- ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - **Hans J. Link et vs  Raymond Merċieca**).  Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista` tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka.  Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l- pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l- allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS -  7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*… Iżda dak li jgħodd f`kawża m`huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f`kawża … ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` oħra, imma jiġi*

*prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 -* ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi et****)*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f`każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b`doża qawwija ta` apprezzament suġġettiv ta` dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x`kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 -* ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil****). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 -* ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et****). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m`għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 -* ***Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd****.) Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal- azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista` toqgħod*

*fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta` xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil- proċess probatorju (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 -* ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe****). Fit-twettiq ta` eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta` ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 -* ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et****).”*

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza “***Joseph Tonna vs Philip Azzopardi***” inghad hekk:-*

*“(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta` l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal- attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta` l-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta` l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet.*

*Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju `n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu."*

Elenkati dawn il-principji gurisprudenzjali, l-Qorti tinnota li l-attrici xehdet hekk dwar il-pagamenti li bdew isiru mis-socjeta' konvenuta jew ghan-nom taghha –

*"...ghall-ewwel sena, il-pagamenti kienu regolari u Patrick Xuereb kien qed ihallas. Wara disa' xhur, jien infurmajthom li xtaqt nircievi flusi lura fit-tlett xhur ta' wara. Jiena, Charles Muscat u Patrick Xuereb iltqajna ghand in-nutar. Hawn huma qaluli li l-kumpanija kienet qed tiggenera dhul gholi u li kelli nhalli flusi nvestiti fil-kumpanija, pero' qaluli wkoll li ma setghux jirritornaw is-sebghin elf (70,000) ewro. Jien ghidtilhom sabiex jisselfu l-flus u n-nutar qablet mieghi. Pero' huma t-tnejn ma qablux li kellhom jisselfu l-flus sabiex ihallsuni[26]."*

Jirrizulta li r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet tiddegenera b'dana li fil-kawza spiccaw jakkuzaw lil xulxin b'theddid verbali, xenati u aggressjoni fil-konfront

[26] Fol 28 - affidavit

ta' xulxin[27]. L-attrici anke presentat PIRS *report* ta' skambji tramite *mobile texts* li ghaddew bejna u bejn Muscat.[28]

L-attrici tghid li avvicinat avukat biex tiehu passi legali ghall-hlas tal-bilanc u wara li giet infurmata li l-imghax ta' 12% joltrepassa l-massimu mpost u permess bil-ligi, hija baghtet ittra legali lis-socjeta' konvenuta datata 5 ta' Lulju 2012[29] fejn b'referenza ghall-ftehim tat-22 ta' Dicembru 2010 irriduciet ir-rata tal-imghax ghal 8% u ddikjarat li ghalhekk–

*"l-imghax fuq is-somma mislufa ta' sebghin elf ewro (€70,000) mid-data tal-iskrittura sa l-ahhar ta' Gunju [2012] kien jammonta ghas-somma ta' tmint elef, hames mija u tletin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€8530.41). Sa llum, thallset is-somma ta' sitta u ghoxrin elf u sitt mitt ewro (€26,600) konsistenti f'pagamenti ta' seba' mitt ewro (€700) fix-xahar ghal tmintax -il (18) xahar, pagament ta' ghaxart elef ewro (€10,000) f'Jannar 2012 u pagament ta' erbat elef Ewro (€4000) f'Gunju 2012. Ghalhekk il-bilanc dovut lilha wara li gie dedott l-imghax kif fuq spjegat jammonta ghas-somma ta' wiehed u hamsin elf, disa' mija u tletin ewro (€51,930)."*

Gew prezentati wkoll ittri ufficjali ohra mill-attrici:

i. wahda datata 25 ta' Lulju 2012[30] fejn is-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas is-somma msemmija ta' €51,930 in kwantu ghal

[27] Fol 28 attrici u fol 129 para 16 u 17 affidavit Charles Steven Muscat.
[28] Fol 120
[29] Fol 7
[30] Fol 8

€43,400 bilanc pendenti mis-somma mislufa u in kwantu ghal €8530.41 imghax bit-8% fuq l-ammont misluf; u

ii. ittra ufficjali ohra datata 6 ta' Dicembru 2013[31] li tinterpella ghal darb'ohra lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas, din id-darba ghall-bilanc ta' €28,882 in kwantu ghal €27,950 bilanc pendenti mis-somma mislufa u in kwantu ghal €932 imghax bit-8% fuq l-ammont misluf.

Sadanittant il-konvenut Charles Muscat, filwaqt li fl-affidavit tieghu[32] jiddikjara li huwa la qatt kien direttur u lanqas azzjonist tas-socjeta' konvenuta, ghamel referenza ghal numru ta' pagamenti li huwa jghid li saru lill-attrici mis-socjeta' konvenuta b'referenza ghas-self in kwistjoni. Jigi ripettut illi huwa jghid li l-interess tieghu fil-kumpanija kien minhabba li ibnu kellu x'jaqsam mal-istess kumpanija[33]. Muscat jixhed hekk:

*"10. Naf li Pauline Macdonald kienet tmur l-ufficcju tal-Medistar gewwa l-Mosta u tiehu dawn is-EUR700 fix-xahar, daqqa cash u daqqa cheque. Dawn is-EUR700 solitament kienu jithallsu fil-21 ta' kull xahar, izda kien hemm drabi li thallsu fi granet ohra jew fejn Pauline Macdonald thallset ta' xahrejn f'daqqa. Li naf huwa li dawn is-EUR700 baqghu jithallsu b'mod regolari sal-ahhar tas-sena 2013.*

*11. Lejn nofs is-sena 2011 (xi sitt xhur wara l-ftehim), l-attrici bdiet titlob li tiehu s-somma kollha lura f'pagament wiehed, izda dan ma kienx possibbli*

31 Fol 9 – kopja nformali
32 Fol 128
33 Fol 172 – kontro-ezami

*ghaliex il-kumpanija ma kellhiex il-fondi sabiex thallas bi preavviz daqshekk qasir.*

*12. Minkejja li l-kumpannija ma kienitx f'pozizzjoni li thallas kollox f'pagament wiehed, il-kumpannija bdiet taghmel pagamenti sostanzjali akkont tal-kapital sabiex taqta' mid-dejn, f'ammonti differenti – daqqa EUR 1,000, daqqa EUR 3000, daqqa EUR 4,000 u anke pagament ta' EUR 10,000. Dawn il-pagamenti bdew isiru wara s-sitt xhur u komplew isiru fuq medda ta' forsi sena u cioe' sa nofs l-2012.*

*13. Dawn il-pagamenti kienu qed isiru apparti l-hlas mensili ta' EUR 700 li dejjem baqghu isiru kull xhur.*

*14. Lejn nofs is-sena 2012, il-kumpannija waslet f'pozizzjoni li ma setghetx tkompli taghmel dawn il-pagamenti sostanzjali, u ghal xi zmien il-kumpannija waqfet milli taghmel dawn il-pagamenti. Izda ghandi nghid li minkejja dan, il-kumpannija xorta baqghet thallas l-ammont ta' EUR 700 fix-xahar.*

*15. Malli setghet, il-kumpanija regghet bdiet taghmel pagamenti oltre s-EUR 700 fix-xahar* [34]*."*

Skont ix-xhud, lejn nofs is-sena 2013, jekk is-self jigi ikkalkolat bir-rata ta' 8%, u mhux ta' 12%, is-self inkluz l-imghaxijiet kien kwazi thallas kollu u kien ghad fadal bilanc ta' ftit iktar minn €10,000 pendenti, liema hlas huwa jghid li gie

[34] Fol 128 - 129

eventwalment imhallas minn Patrick Xuereb fil-bidu tas-sena 2014. B'din it-tezi huwa jittanta joqtol il-pretensjoni attrici fil-konfront tieghu. Tinnota ukoll il-Qorti li pero imbaghad jghaddi biex jippresenta l-*Form K*[35] biex juri li fis-sena 2011 Muscat kien irrizenja minn direttur tas-socjeta. It-tezi ta' Muscat ghalfejn snin wara Xuereb hallas dejn tal-kumpanija li ghaliha issa kien estraneju, hi li dana ghamel hekk ghax kien imbezza li l-attrici tirrapurtah lill-imghallem tieghu bhala gwardjan tal-habs[36].

Li tinnota ukoll  l-Qorti dwar din ix-xhieda huwa li filwaqt li bil-gurament tieghu ix-xhud semma diversi cifri dwar hlasijiet li allegatament saru mis-socjeta' konvenuta, la hu u lanqas is-socjeta' konvenuta nfisha ma pproduciet ebda dokumentazzjoni jew *record* ta' dak li a bazi tieghu inghatat din ix-xhieda avolja skont Charles Muscat, uhud mill-pagamenti mill-kumpanija saru b'cekk.

Il-Qorti tinnota wkoll li s-socjeta' konvenuta prezentat kopja ta' ittra responsiva wahda prezentata fil-Qorti fis-17 ta' Dicembru 2013[37], fejn filwaqt li tirrespingi l-pretensjonijiet tal-attrici kif kontenuti fl-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru 2013 u tiddeskrivihom bhala "eccessivi" ghax fi kliemha *"gew affetwati pagamenti u l-bilanc pendenti llum il-gurnata huwa ferm inqas minn dak indikat fl-ittra nterpellatorja"* tonqos milli tindika kemm, almenu fil-fehma taghha kienu lahqu saru hlasijiet u x'kien ezatt il-bilanc pendenti rimanenti.

Fil-kawza odjerna l-attrici qeghda titlob is-somma ta' €26,000 bhala bilanc rimanenti allegatament dovut. Hija tghid li meta f'Lulju 2013 kien fadal bilanc ta' hlas favuriha ta' €36,000, kienet giet avvicinata minn Patrick Xuereb u minn

[35] Dok CM1  fol 131
[36] Fol 122 par.19
[37] Fol 64

Charles Muscat. Xuereb kien qalilha li hu lest li jhallasha €10,000 minnhom bi 8% imghax, filwaqt li Charles Muscat kien iffirma ftehim biex ihallas il-bqija – €26,000 bit-3%, li kellhom jithallsu fi hlasijiet mensili ta' €1000 flimkien ma' €30 imghax. Ix-xhud tinsisti li dan il-ftehim ukoll ma Muscat gie ffirmat fil-prezenza ta' Patrick Xuereb izda llum jinsab mitluf ghax f'okkazjoni minnhom hija zbarazzat il-kexxun fejn kien jinsab dan il-ftehim u bi zball irmietu[38]:

*"F'Lulju 2013 gew Charles Muscat u Patrick Xuereb. Mis-somma ta' sebghin elf ewro kien ghad fadalli niehu sitta u tletin. Patrick qalli li ghandu hamsa u tletin fil-mija ishma fil-kumpanija Medistar. Qalli li s-sitta u tletin elf euro li fadal ghandu jtini biss ghaxart elef bi tmienja fil-mija. L-iskrittura saret ma' Charles Muscat. Fiha jinghad li se jtini elf euro fix-xahar bi tlieta fil-mija imghax. Charles Muscat iffirma f'ismu personali. Din ghamiltha biex naqta' l-kwistjoni ...Jiena kont ghamilt il-karti kollha li kelli fil-kexxun tal-kamra tal-ikel, fid-dining room. Niftakar li kont qed nizbarazza, bi zball minflok armejt il-karti li mghandix bzonn, armejt il-karti t-tajbin u din l-iskrittura armejtha[39]."*

F'parti ohra tax-xhieda l-attrici terga' tishaq:

*"...Id-dokument bejni u bejn Charles sar, u kellu jaghtini suppost minn sitta u ghoxrin elf (26,000) suppost kellu jaghtini elf euro (€1,000) fix-xahar u tletin euro (€30) imghax halli nehles minnu minn hajti, il-verita' ha nghidlek, u kien tani, darba minnhom kien gie tani mitejn u sittin (260) u darba minnhom kien gie tani mitejn (200). Dak hadt biss minghandu, Pero' d-dokument iva sar[40]".*

[38] Vide affidavit attrici a fol 29, u xhieda in kontro-ezami a fol 105 u fol 152
[39] Fol 105-106
[40] Fol 152

Charles Muscat jichad li huwa jaf xi haga dwar dan. Fl-affidavit tieghu huwa jghid hekk:

*"Ghandi nghid li jien ma kont naf xejn dwar dawn is-€26,000 ghaliex dawn ma humhiex dovuti...[41]".*

L-attrici baqghet tinsisti li ghalkemm dan id-dokument ma nstabx, Patrick Xuereb huwa xhud tieghu ghax kien prezenti meta Muscat iffirma l-ftehim in kwistjoni[42].

Effettivament il-konvenut Patrick Xuereb jikkorrobora dak li qalet l-attrici. Fl-affidavit tieghu huwa jaghmel referenza ghal –

*"....ftehim bonarju bejnietna li kien inkiteb fuq diary qadim id-dar taghha fejn qbilna fit-22 ta' Lulju 2012 li jiena assumejt l-obbligu li nhallas €10,000 u Charles Muscat ghan-nom ta' Medistar jhallas €26,000[43]."*

Meta mistoqsi ulterjorment dwar dan l-episodju in kontro-ezami Xuereb rega' qal hekk:

*"Dr. K. Najah: Issa dan il-ftehim tas-€26,000 inti kif kont taf bih?*

---

[41] Fol 130
[42] Fol 153
[43] Fol 151

*Xhud: Jien kont naf bih ghax ahna konna ghamilna ftehim jiena, s-sinjura MacDonald u Charles Muscat sewwa gewwa r-residenza taghha sewwa u ftehimna hemmhekk fil-post u ghamilna karta li ktibniha fuq diary jigifieri.*

*Qorti: Ok.*

*Dr. K. Najah: Jigifieri qed nifhem sew li inti kont prezenti meta sar il-ftehim tat-€26,000?*

*Xhud: Kont prezenti u nerga nikkonfermalek jigifieri.*

*Dr. K. Najah: Ma nafx jekk tistax tikkonferma, jekk tiftakarx il-kontenut ta' dan il-ftehim x'kien?*

…

*Xhud: Ehe li kien fih kien hemm miktub illi jiena propja konna kellna naghtu 36,000 lis-sinjura MacDonald tajjeb u kien hemm 10,000 li kien il-parti tieghi sewwa u 26,000 il-parti ta' Charles Muscat f'isem Medistar ghax jiena spiccajt minn Medistar jigifieri dak iz-zmien kont spiccajt diga' minn Medistar jiena. U mort ghidtlu isma ha tigi ghandha halli tghid lilha inti sewwa u jien nghad lilha nkunu prezenti hemmhekk u niftehmu quddiemha u ntrabat illi dan ihallasha pagamenti fix-xahar fuq din il-karta[44].*"

L-iskrittura a fol 10 iffirmata kemm mill-attrici kif ukoll minn Patrick Xuereb tkompli tibni u ssahhah fuq dak li appena ntqal peress li turi li Xuereb veru

[44] Fol 165-166

hallas €10,000 lill-attrici. L-attrici wkoll tikkonferma li dawn l-€10,000 ircevithom minghand Xuereb flimkien ma' €130 interessi[45]. In kontro-ezami kkonfermat hekk dwar din l-iskrittura:

*"Avukat: dawk l-ghaxart elef (10,000) illi int kont qed tghidlu: "jiena nista' naccettahom minn ghandek", dawk naqblu illi inti rcevejthom minghand Patrick?*

*Xhud: L-ghaxart elef (10,000) ircevejtom iva[46]."*

Patrick Xuereb jghid li din l-iskrittura kitbuha hu u Pauline MacDonald gewwa d-dar taghha u fil-Qorti huwa gharaf il-*handwriting* tieghu fuqha[47].

Il-Qorti tinnota li huwa manifest li hemm zball fid-data ndikata fuq nett tal-iskrittura (li ghandha taqra 9 ta' Jannar 2014 u mhux 2013 anke in vista tad-dati l-ohra ndikati fuqha). Huwa manifest ukoll pero' li din l-iskrittura qeghda taghmel referenza wkoll ghall-ftehim tat-22 ta' Lulju u terga' ssemmi l-qbil li ntlahaq bejn Xuereb, Muscat u l-attrici dwar kif u bejn min kellu jinqasam il-hlas tal-bilanc ta' €36,000.

Wara li gharblet il-verzjonijiet tal-partjiet imsemmija, u anke jekk ma nstabx u ma gietx prodotta kopja tieghu, il-Qorti temmen, fuq bazi ta' probabilita' u kredibilita', li l-ftehim dwar il-hlas ta' bilanc rimanenti ta' €26,000 bl-imghax

[45] Fol 29
[46] Fol 154
[47] Fol 145-146

verament kien gie ffirmat bejn l-attrici u Charles Muscat fil-prezenza ta' Patrick Xuereb. Terga tfakkar il-Qorti li Muscat ta versjonijiet kontrastanti u inverosimili ghal aktar minn darba, jinnega li kien involut fil-ftehim originali meta dana kif gia ntqal kien ben korroborat minn iben l-attrici Paul Kavanagh u ohtha Isabelle Zammit li testwalment tghid: *"Kien hemm okkazzjoni fejn Charles Muscat u Patrick Xuereb staqsew lil ohti hix interessata tidhol fin-negozzju ta' kumpanija"*[48]. *Ciononostante* wara ma jichadx il-ftehim. Ukoll fl-istess kontro-ezami jinnega li hu kien involut fil-kumpanija, f'nifs wiehed jghid li hu partner fiha u immedjatament wara jinnega l-istess. [49] Jghid u jibqa nsistenti li hu ghal kumpanija Medistar kien jidher biss biex ikopri l-intetessi ta' ibnu Jeremy, jaghti kif rajna dettalji varji ta' hlasijiet, senjatament lanqas ma jinnega li f'dana kollu huwa kien estraneju; jirrispondi dan dwar il-konoxxenza tieghu ta' dak li kien qed kokkorri "*M'ghedtlekx li ma kellixx'naqsam xejn jien.*" [50]

Inoltre jigi rilevat li l-obbligazzjonijiet li kienu dahhlu ghalihom Patrick Xuereb u Charles Muscat f'Lulju 2013 kienu **personali** u mhux in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta. Dan ghaliex f'dak l-istadju Patrick Xuereb kien irrizenja minn Direttur tas-socjeta' konvenuta[51] u Charles Muscat ma kellu qatt ebda kariga fis-socjeta' konvenuta. Hu stess ighid dana[52], (cioe li hu f'din is-socjeta' la qatt kien direttur jew azzjonist biex b'hekk jibqa estraneju ghal ftehim ta' self li sar bejn is-socjeta konvenut u l-attrici). Ghall-istess raguni l-argument tal-konvenut Muscat f'paragrafu 23 tal-affidavit tieghu[53], cioe ghar-rizenja ta' Xuereb mis-socjeta attrici minn direttur fis-sena 2011, b'referenza ghal dan l-

---

[48] Fol 103
[49] Fol 173
[50] Fol 174
[51] Fol 131
[52] Fol 128 affidavit tieghu par. 7
[53] Fol 130

istess ftehim ta' Lulju 2013 huwa bla bazi. Xuereb f'dan il-ftehim qatt ma rabat is-socjeta konvenuta.

Mill-kunsiderazzjonijiet suesposti, l-Qorti tasal ghalhekk ghall-konkluzjoni li mis-self ta' €70,000 lis-socjeta' konvenuta, is-somma ta' €25,540 ghadha dovuti lill-attrici ghaliex fuq ammissjoni taghha stess €460 mis-€26,000 kienu lahqu thallsu mill-konvenut Muscat[54]. Dwar l-imghax, la l-attrici kienet accettat li l-imghax fuq dan il-bilanc ghandu jkun ta' 3%[55], din ir-rata ghandha tibqa' tapplika dan in omagg tal-principju *pacta sunt servanda*.

Responsabbli ghal dan il-hlas ghandhom ikunu s-socjeta' konvenuta Medistar Healthcare Services Limited ghax naturalment is-self ittiehed minnha, kif ukoll Charles Muscat li obbliga ruhu personalment li jaghmel tajjeb ghad-dejn imsemmi u dan solidalment bejniethom. Kif inghad fil-kaz fl-ismijiet **Anthony Farrugia Company Limited vs Wallace Fino et deciz fis-27 ta' Mejju 2016**[56]**-**

*"Kreditur ta' obbligazzjoni mhux obbligat jaghzel kontra min mid-debituri taghha jipprocedi, u jekk ghandu izjed minn debitur wiehed ghall-istess obbligazzjoni, jista' jottjeni titolu ezekuttiv kontra d-debituri kollha, u wara jaghzel hu kif jipprocedi ghall-esekuzzjoni."*

[54] Affidavit tal-attrici a fol 29 u xhieda in kontro-ezami a fol 152
[55] Affidavit tal-attrici a fol 29 u xhieda in kontro-ezami a fol 152

[56] Rik 1707/01

Punt iehor li din il-Qorti thoss illi ghandu jigi sollevat jikkoncerna d-data minn meta ghandhom jibdew jiddekorri l-imghaxijiet dovuti fuq il-kapital misluf, dejjem skont il-percentagg miftiehem ta' 3%, darba li din il-Qorti accettat bhala veritjier il-ftehim patwit bejn l-attrici u l-konvenuti u dan tenut kont tal-principju "*in illiquidis non fit mora*". Accettat illi hija t-talba attrici li tistabilixxi l-parametri ta' dan, naraw illi l-attrici tablet li tithallas il-bilanc rimanenti ta' €26,000 jew somma verjuri. Dana kif ben jirrizulta mill-ftehim ta' Lulju, 2013. Din hija somma li tul il-proceduri l-attrici sostniet nehhi s-somma kif imsemmi gia mhallas lilha mill-konvenut Muscat. Ghalhekk hija l-fehma tal-Qorti illi kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut Muscat u s-socjeta konvenuta li hu b'insistenza kien jirapresenta (b'mod informali s'intendi) biex ikopri l-interessi ta' ibnu, kienu ben konsapevoli ta' l-ammont preciz minnhom dovut gia mid-data tal-ftehim tat -28 ta' Lulju, 2013. Dana jinghad ghaliex il-principju enuncjat isegwi ir-regola li jekk l-ammont dovut mhux likwidat u determinat d-debitur ma jistax jinghad li tiqieghed *in mora*, lanqas pero m'ghandu dan il-principju jservi biex debitur jigi vvantaggat billi jahrab l-interessi minnu patwiti u dovuti.

Inghad fil-kawza fl-ismijiet **Maria Ellul et vs Felice Mercieca et noe** deciza fis-17 ta' Marzu, 2010; (Citaz. Nru. 448/87FS) hekk:

*"Fuq dan l-aspett il-Qorti tirrileva li dwar imghax jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likwidat. Il-principju hu li in illiquidis non fit mora ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u minhabba f'hemm ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li*

*qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit in mora."*

Ukoll f' **Maria Ellul Bonnici et vs Felice Mercieca et noe** (26 ta' April, 1950) Qorti Civili Prim'Awla: *"L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha*".

F'**Anthony Mercieca vs in-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et** (16 ta' Dicembru, 1991) intqal:

*"Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjonijit avvanzata fit-talba ta' l-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti".*

Inghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Ignazio Gatt noe et. vs Zakkarija Calleja** deciza fit-13 ta' Novembru, 2013 illi "Posizzjoni simili ittiehdet fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance p.l.c. vs Johann Ciantar** deciza fl-20 ta' Gunju 2002 [Imh J R Micallef] fejn jighad:

*"Hija wkoll il-fehma taghha li meta talba ghall-hlas ta'danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzajrju (jekk dan ikun sar) u*

*mhux minn dak inhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont;"*

Ennuncjati dawn il-principji din il-Qorti hija tal-fehma illi l-interessi ghandhom jkunu dovuti mid-data tat-talba guidizzjarja li saret tramite ir-rikors guramentat ghalhekk mis-6 ta' Awwissu, 2014.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut Patrick Xuereb u tiddikjara li mhuwhiex legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;**

2. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni preliminari mressqa konguntivament mis-socjeta' konvenuta' Medistar Healthcare Services Limited u l-konvenut Charles Muscat;**

3. **Tichad it-tieni eccezzjoni preliminari, it-tielet eccezzjoni preliminari safejn din tolqot lill-konvenut Charles Muscat u l-bqija tal-eccezzjonijiet fil-mertu lkoll imressqa konguntivament mis-socjeta' konvenuta' Medistar Healthcare Services Limited u l-konvenut Charles Muscat;**

4. **Tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront biss tas-socjeta' Medistar Healthcare Services Limited u Charles Muscat solidalment bejniethom limitatament ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin elf hames mija u erbghin Ewro (€25,540);**

5. **Bl-ispejjez kontra s-socjeta' Medistar Healthcare Services Limited u Charles Muscat solidalment bejniethom hlief ghall-ispejjez li jikkoncernaw lill-konvenut Patrick Xuereb li ghandhom jigu sopportati mill-attrici peress li harrkitu inutilment;**

6. **Bl-imghax ta' tlieta fil-mija (3%) mis-6 ta' Awwissu, 2014 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**